# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 22 TA' GUNJU 2001

**Avviz Nru 1558/98DM**

**Michael Conway f'ismu proprju u bhala direttur tas-socjeta Maltos Co Ltd**

**Vs**

**Mark u Catherine konjugi Goulding**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihalsu s-somma ta' erba' mija u erbatax-il Lira Maltija (Lm414.00) bhala rimbors ta' prezz ta' akkomodazzjoni fil-Rheinhotel, Dusseldorf gewwa l-Germanja, li l-istess atturi hallsu ghan-nom tal-konvenut Mark Goulding fuq struzzjonijiet personali tieghu.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju, 1998 u tal-mandat ta' qbidipprezentat fis-7 ta' Awissu, 1998, flimkien ma l-interessi legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. It-talba tal-attur pro et noe hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tkun michuda bl-ispejjes stante li hadd mill-eccipjenti ma ta struzzjonijiet lill-attur pro et noe biex jaghmel arrangamenti ghal akkomodazzjoni fil-lukanda indikata fl-avviz u lanqas ma awtorizza lill-attur pro et noe biex jaghmel xi hlas ghal akkomodazzjoni fl-imsemmija lukanda;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 11 ta' Settembru 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenut fil-fatt jammetti illi huwa kien ikkonferma illi kien ser jifforma parti mill-grupp li l-attur kien ser jiehu mieghu ghall-fiera ta Dusseldorf f'Mejju 1998.

Ghalkemm l-atturi ma kienx jinteressahom minn fejn il-konvenut kien ser jottjeni l-flus biex ihallas ghall-vjagg, il-konvenut jiddikjara illi kien ikkonferma li kien ser jattendi ghaliex id-diretturi tal-kumpanija li kienet timpjegah kienu accettaw li jissussiddjaw il-vjagg.

Huwa ippruvat illi l-atturi a bazi tal-konferma tal-konvenut kienu pprenotaw il-lukanda destinata almenu sat-3 ta Marzu 1998 (Dok MC1 a fol. 18) u ghall-akkomodazzjoni tal-konvenut hallsu is-somma ta LM414 miltuba fl-avviz.

Izda l-konvenut isosstni li huwa kien informa lill-atturi fi zmien utili li kien bidel il-hsieb li jippartecipa fil-vjagg u ghalhekk l-atturi kienu obbligati li jikkancellaw kull prenotazzjoni li kienu ghamlu f'ismu.

Ghalkemm ma hiex rilevanti ir-raguni li gieghelet lill-konvenut li jikkancella il-partecipazzjoni tieghu ghall-Fiera, huwa jsosstni li din kienet dovuta ghal bidla fid-diretturi tal-kumpanija Price Club li kienet timpjegah u dawn id-diretturi godda irtiraw is–sussidju tieghu.

Ghalhekk jispetta lill-konvenut li jipprova li kien effettivament talab lill-atturi **fi zmien utili** biex jikkancellaw il-prenotazzjoni tal-lukanda u tat-trasport; f'dan ir-rigward huwa ghalhekk rilevanti li fl-ewwel lok jigi stabbilit li kien effettivament jezisti xi sussidju u li dan is-sussidju gie irtirat.

Izda mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut qatt ma kellhu xi promessa ta xi sussidju minn xi diretturi tal-Price Club u d-dikjarazzjoni tieghu li kien ikkancella madwar ghaxar tijiem qabel id-data destinata ghat-tluq m'hiex sufficjenti biex tirribatti l-presunzjoni opposta.

Din il-presunzjoni ta nuqqas da parti tal-konvenut hija sorretta mill-fatt li ma rrizulta ebda element ta qligh da parti tal-atturi mill-fatt li hallew il-prenotazzjoni ta Goulding pendenti, kif ukoll mid-deposizzjoni tal-istess attur, korroborata mix-xhieda l-ohra minnhu prodotti.

Il-konvenut jipprova jitfa dell fuq il-kredibilita' tal-attur u tax-xhud Cunningham billi jsosstni li fis-6 ta Mejju 1998 ma setghax iltaqa mal-attur Goulding ghaliex f'dik id-data huwa siefer minn Malta. Izda fin-nuqqas ta prova li dan is-safar tal-konvenut kien fis-sieghat bikrin tas-6 ta Mejju, l-allegazzjoni biss ta safar ma jipprovdi ebda indizju ta zball da parti tal-attur.

Ghaldaqstant mill-provi prodotti jirrizulta li t-talba attrici tirrizulta ppruvata sodisfacentement u ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi is-somma mitluba ta LM414 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz; bl-imghax legali mid-19 ta Gunju 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 26